MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2014

Numru 679/2014

**SPETTUR FRANK SAMMUT**

**VS**

**RENALD HAYMAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Renald Hayman ta’ 31 sena, bin missier mhux maghruf u Anna Hayman, mwieled Pieta’ fit- 13 ta’ Novembru 1981, residenti 199, Flat 1, Triq iz- Zewg Mini, Senglea u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 4182M;

Talli;

1) F’ Dawn il- gzejjer nhar il- 15 ta’ Lulju 2014 u/ jew fil- perjodu ta’ qabel din id- data b’ diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l- istess disposizzjonijeit tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, bl- imgieba tieghu ikkaguna lil Maria Vassallo bize li ser tintuza vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l- imgieba tieghu se tikkagunalhom biza;

2) Ukoll talli fl- istess perjodu u cirkostanzi bil- hsieb li jaghmel delitt u cioe’ li minghajr il- hsieb li joqtol jew li jqieghed il- hajja ta’ Maria Vassallo mill- Isla f’ periklu car, jikkaguna offiza ta’ natura gravi u permanenti fuq il- persuna tal- imsemmija Maria Vassallo mill- Isla, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta’ bidu ghall- esekuzzjoni ta’ dan id- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga u indipendenti mill- volonta tieghu;

3) Ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi bla ordni skont il- ligi tal- awtorita’ kompetenti u barra mill- kazijiet li fihom il- ligi taghti s-setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Maria Vassallo mill- Isla kontra l- volonta taghha, waqt liema arrest il-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew imhedda bil- mewt;

4) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkgauna fertita ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Maria Vassallo mill- Isla skont ma ccertifika t- tabib tal- poliklinika ta' Rahal Gdid, Dr Marius Caruana MD REG 2984;

5) Ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Maria Vassallo mill- Isla skont ma ccertiifka tabib tal- poliklinika ta' Rahal Gdid, Dr Diana Balzan MD REG 2111;

6) Talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi hedded bil- mewt lil Maria Vassallo;

7) Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, kiser il- paci pubblika u bon ordni;

8) Ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi kiser il- kundizzjoni imposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati Malta, Gudikatura Kriminali mill- Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D datata 31 ta' Jannar 2013;

9) Ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi kiser ordni ta' probation imposta fuqu mill-Qorti tal- Magistrati Matla mill- Magistrat Dr G. Grixti LL.D., datata 15 ta' April 2014;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 251B, 41, 214, 216, 86, 221, 339(1)(e), 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' sena prigunerija.

Tordna l-hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur Maria Vassallo u l- familjari taghha ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412C tal- Kap 9 u tordna hrug ta’ Ordni ta’ Trattament ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 412D tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------